**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Anthony Portelli**

**Vs**

**Emanuele Farrugia u Sylvana Farrugia**

**Rikors nru. 128/13**

Illum 15 ta' Dicembru 2016

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' Anthony Portelli li jaqra hekk:

Illi l-esponenti kera l-fond Phantom Bar, Mountbatten Street, Hamrun permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Gunju 2010 lill-intimati;

Illi llum l-intimati telqu mill-fond u baqa' xi pendenzi li baqgħalhom ihallsu;

Illi dawn il-pendenzi huma kont recenti tad-dawl u ilma fl-ammont ta' euros sitt mija tmienja u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€628.43) l-ammont ta' tlett mija u erba' centezmi euro (€302.04) rapprezentanti pro rata ta' ammont dovut fuq il-licenzja tal-hanut u elf mitejn u sittax il-euro u hamsa u tmenin centezmu euro (€1216.85) rapprezentanti arretrati antiki ta' kont tad-dawl u ilma fuq il-fond ammontanti ghall-kollox ghall-elfejn mija sebgha u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmi (€2147.41)

Illi l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-arretrati u xorta baqghu inadempjenti;

Illi fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qedghin isiru dawn il-proceduri sommarji specjali li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimati ikunu kontumaci f' dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollhom difiza li tiswa u li jistghu jaghmlu sabiex jikkontestaw t-talbiet tar-rikorrenti

Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u jinghataw il-provvedimenti opportuni jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa t-talbiet tar-rikorrenti li qedehin jitolbu li dan il-Bord jghogbu:

1. Jaqta u jiddeciedi l-kawza tad-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Jikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn mija sebgha u erbghin euros u wiehed u erbghin cenyezmu (€2147 .41) import ta' kontijiet pendenti ta' kontijiet tad-dawl fuq il-fond Phantom Bar, Mountbatten Street, Hamrun u pro rata hlas tal-licenzja.

Bl-ispejjes u l-intimati huma ingunti in subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti pprezenta dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji a tenur tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss pero' l-premessi u l-mertu tat-talba ma jinkwadrawx taht dan l-artikolu.

Illi mill-bqija l-intimati ammettew it-talbiet tar-rikorrenti. Il-partijiet waslu fi ftehim u talbu li l-ftehim milhuq jigi inkorporat fis-sentenza. Il-partijiet qablu li l-ammont dovut kif dedott fl-avviz ghandu jibda jithallas mill-intimati in solidum fis-somma ta' €100 fix-xahar li jibda jiddekorri mill-1 ta' Jannar 2017, u dan kull xahar sakemm jithallas l-ammont kollu u b'dan illi jekk ikun hemm mankament ta' pagament, anke wiehed, il-bilanc kollu jigi dovut immedjatament u r-rikorrenti jkollu dritt jiehu kull azzjoni necessarja skont il-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel talba tar-rikorrenti, jilqa' t-tieni talba u ghalhekk jikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn mija u sebgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€2147.41) import ta' kontijiet pendenti ta' kontijiet tad-dawl fuq il-fond Phantom Bar, Mountbatten Street, Hamrun u pro rata hlas tal-licenzja. Dan l-ammont ghandu jibda jithallas mill-intimati in solidum fis-somma ta' €100 fix-xahar li jibda jiddekorri mill-1 ta' Jannar 2017, u dan kull xahar sakemm jithallas l-ammont kollu u b'dan illi jekk ikun hemm mankament ta' pagament, anke wiehed, il-bilanc kollu jigi dovut immedjatament u r-rikorrenti jkollu dritt jiehu kull azzjoni necessarja skont il-ligi.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimati.

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Lorianne Camilleri

Deputat Registratur